Minuti tal-laqgħa ħamsa u għoxrin (25), tas-seba' legislatura tal-Kunsill Lokali Fontana li saret nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Diċembru 2014 fit-3.00 ta' wara nofs in-nhar fis-Sala tal-Kommunita'.

Preżenti għal laqgħa:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Saviour Borg | Sindku |
| Is-Sur Victor Cefai | Viċi Sindku |
| Is-Sur Horace Micallef | Kunsillier |
| Is-Sur Carmel Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Mercieca | Kunsillier |
| Is-Sna Odette Camilleri | Segretarju Eżekuttiv |

1. Talba

1.1 Il-laqgħa ġiet ippreseduta mis-Sindku, s-Sur Saviour Borg u bdiet b'talba.

2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Il-minuti tal-laqgħa erbgħa u għoxrin (24) ġew approvati kif preżentati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

*Mill-Minuti*

Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li:

2.2 Ġie ffirmat il-kuntratt mal-Kuntrattur Jason Galea sabiex jinbena' il-35metru ħajt li għad baqa' fi Triq John Gaspard le Marchant. Il-membri qablu li dan ix-xogħol għandu jinbeda' f'Jannar 2015.

2.3 Intbgħatet emejl lil Perit Anglu Portelli sabiex iħejji pjanta dettaljata għal *anti skid marron tarmac* fi Triq P P Hili sabiex tintbgħat lil Transport Malta għal approvazzjoni tagħhom.

2.4 Rigward il-*Malta Community Chest Fund,* inġabret is-somma ta' €606.08c mir-residenti sa issa peress li għadhom qed jinġabru aktar *envelopes.* Is-Seg. Eżekuttiv infurmat ukoll li ser issir *reception* żgħira waqt l-attivita'. Is-Sur Simon Micallef aċċetta li ser jilbes ta' *Father Christmas.* Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li ic-*Chief of Staff* u s-


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Segretarju tal-President ġew l-uffiċċju u idećidew li l-programm imħejji jitella' fis-Sala tal-Kommunita minflok fuq iz-zuntier. L-E.T President ta' Malta ser tiġi preżentata bukkett fjuri, fejn fuq proposta tas-Sur Micallef il-Kunsilliera qablu li ser jingħata mill-iskrivana tal-Kunsill. Is-Sindku staqsa lis-Seg. Eżekuttiv jekk il-Kunsill kienx ingħata risposta rigward kif ser isir il-ġbir ta' l-*envelopes* mill-Kappillan, kif kien intqal f'laqgħa li l-Kunsill kellu miegħu, fejn il-Kappillan kien informa lil Kunsill li kienet ser tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill Parrokkjali li kellha ssir il-Ħamis ta wara il-laqgħa li kellu mal-Kunsill. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu li ma kellha ebda' risposta f'dan ir-rigward. Is-Sur Micallef qal li darb'oħra l-Kunsill għandu jiftiehem sew mal-Kapillan għax kien hemm ħafna diżgwid għar-residenti. Is-Sur Micallef kompla li kif intbgħatu l-avviżi fil-bullettin ingħatat l-impressjoni illi dan il-programm kien ser jiġi organizzat mill-Kappillan u l-Knisja biss. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu illi l-Kunsill ma kellu ebda kontrol fuq x'jikteb il-Kappillan fuq il-bullettin, anzi infurmat lil preżenti illi din l-attivita' ħadet ħsiebha hi. Is-Sur Micallef qal li f'irħula oħra il-Knisja tat sehma. Is-Sindku qal li l-Chorus Urbanus ukoll ser joffru xi somma flus mill-kunċert li kienu ser itellgħu fil-Basilika ta' San Gorġ. Il-membri qablu li għandha tingħata wkoll replika ta' l-Għajn il-Kbira lil E.T President ta' Malta u jiġi ffirmat minnha ukoll il-*visitors book* għall-okkażżjoni.

2.5 Ġie mistieden jidħol fil-kamra l-Kuntrattur Joe Cauchi rigward it-tindif u reabilitazzjoni tal-Wied tax-Xlendi (konfini tal-Fontana), peress li l-Kuntrattur kien bgħat ittra bl-avukat għal żieda fl-ispejjes *a mano*. Is-Seg. Eżekuttiv spjegat li hemm klawsola 4.05 f'paġna 18 fil-kundizzjonijiet fejn tgħid li l-ammonti ta' l-offerta jkunu fissi u ma jistgħux jinbidlu għal perjodu ta' sentejn. Is-Sur Micallef staqsa lil Kuntrattur jekk hux interessat li jagħmel dan ix-xogħol bl-istess prezzijiet ta' l-offerta. Is-Sindku nforma li l-prezzijiet ma jistgħux jinbidlu iżda jista' l-Kuntrattur jirtira mill-Kuntratt. Il-Kuntrattur informa lil preżenti li hu reġa' ġedded il-garanzija bankarja peress li għadu interessat li jonora l-kuntratt. Is-Sindku nforma lil Kuntrattur li meta l-Kunsill ikollu l-permessi kollha meħtieġa mill-MEPA u jkun iż-żmien opportun sabiex isir dan ix-xogħol, l-Kunsill lest li dan ix-xogħol jagħmlu. Is-Sindku nforma lil preżenti li l-MEPA marbuta li tirrispondi fi żmien sitt xhur minn meta ssir it-talba għalhekk għandhom żmien sa April li ġej. Is-Sur Micallef u s-Sur Mercieca sostnew illi jekk il-Kunsill sa l-aħħar xahar ikun għadu ma irċieva risposta minn għand il-MEPA, il-Perit għandu isostni mal-MEPA f'dan ir-rigward. Is-Sindku nforma lil Kuntrattur li l-Kunsill talab għal emenda tal-MEPA sabiex il-



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S.Boy

Kuntrattur ikun jista' jidħol fil-wied mid-*dry part.* Is-Sindku rringrazzja lil Kuntrattur u dan ħareġ mill-kamra.

3. Laqgħa tal-Lokalita'

3.1 Is-Sindku nforma lil preżenti illi qabel ma l-Kunsill iħejji u japprova il-*budget* għas-sena li ġejja għandha issir il-laqgħa tal-lokalita'. Il-membri qablu li l-laqgħa tal-lokalita' għandha ssir nhar l-Erbgħa, 21 ta' Jannar 2014 fil-5.30 ta' fil-għaxija. Il-Viċi Sindku propona illi waqt il-laqgħa tal-lokalita' għandhom ukoll jitqassmu l-boroż ta' l-iskart separat, dan sabiex il-Kunsill jiġbed aktar nies. Ħadd ma kkumenta fuq din. Il-membri qablu li għandu jitqassam l-avviż ta' din il-laqgħa bil-malti u bl-ingliż u dan l-avviż jidher ukoll fuq il-ġurnali ta' kuljum.

4. Ħruġ ta' kwotazzjoni għal-*accountant*

4.1 Il-membri qablu illi għandhom jinħarġu l-avviżi neċessarji għal kwotazzjoni għal *accountant* mal-Kunsill. Il-Viċi Sindku qal li l-Kunsill għandu jara li min jitfa' l-kwotazzjoni jkun *certified accountant.*

5. Approvazzjoni tal-Pjan ta' Ħidma

5.1 Il-Pjan ta' Ħidma 2014 – 2016 u l-*quarterly report* ta' Lulju-Settembru 2014 ġew approvati kif preżentati u ffirmati mis-Sindku u s-Seg. Eżekuttiv.

6. Korrispondenza

6.1 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li l-Green Pak tista' toffri lil Kunsill €35 għal kull tunnellata ta' skart separat li jinġabar, parteċipazzjoni fost ir-residenti Irreċikla u Irbaħ, għoti ta' *recycling bags, door to door education campaign,* parteċipazzjoni fl-attivitajiet tal-Kunsill u eleġibilta' fil-*Local Council Awards* b'ċans li l-Kunsill jirbaħ €1000. Is-Sindku staqsa kemm jinġabar skart fil-ġimgħa. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat li jinġabru madwar 750kg fil-ġimgħa. Il-Viċi Sindku qal li l-Kunsill għandu jistaqsi lil Green Pak jekk jagħmlux xi ġurnata li jinġabar il-ħġieġ u jekk jagħtux riċipjenti għal ħġieġ lir-residenti. Is-Sindku informa lil preżenti li hu u s-Seg. Eżekuttiv kellhom laqgħa ma' l-Avukat tal-Kunsill Jean Paul Grech fejn talbuh sabiex jikteb lil Green MT sabiex jirregolarizaw ruħhom u jħallsu l-fondi li għandhom jagħtu. Is-Sindku nforma lil preżenti li l-Green MT kienu kkonfermaw ma' l-Awdituri li għandhom jagħtu lil Kunsill. Is-Sindku propona li jekk indaħlu xi fondi ninvestuhom f'*bins* ta' *recycling*



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

u nqassmuhom lir-residenti sabiex jisseparaw l-iskart. Is-Sur Micallef ippropona li l-Avukat għandu jtihom ċans ta' ħames ġranet tax-xogħol minn meta tintbgħat l-ittra sabiex jirrispondu. Is-Sur Micallef qal li jekk ma jirrispondux fil-ħin stipulat, il-Kunsill għandu jittermina l-kuntratt u jibda' mal-Green Pak. Is-Sindku qal li biex isir dan, il-Kunsill irid ikun diġa' ffirma l-kuntratt mal-kumpanija l-oħra għax inkella l-Kunsill jispiċċa bla servizz.

6.2 Rigward it-tabella Merħba Fontana. Il-Perit Gordon Vella bagħat ritratt fejn qed jipproponi li teħel it-tabella. Il-membri qablu li din għandha teħel mal-ħajt ta' l-ewwel indana tat-taraġ li minn Triq John Gaspard le Marchant jagħti għal Triq Santa Dminka peress li jekk teħel mal-ħajt tat-taraġ tat-triq tkun qed teħel fil-konfini tar-Rabat. Is-Sindku qal li l-isem tat-tabella għandu jkun 'Il-Fontana' skond l-emendi li kienu saru fil-Parlament dwar l-ismijiet tal-Bliet u Rħula.

6.3 Il-Kunsill irċieva ittra minn għand Refalo & Associates għan-nom ta' Anthony Cassar li hu lest li jivvaka u jċedi d-drittijiet kollha tiegħu fuq fond 189 u 190, Triq il-Għajn in skambju ma l-uffiċċju tal-Kunsill (preżentament il-*multi purpose room*) u l-garaxx adjaċenti bla ħlas u li jibqa' jgawdihom sa mewtu. Is-Sindku nforma li kien hemm il-qorti u hu u l-Avukat attendew għal kawża iżda ġiet deferita għal 20 ta' Frar 2015 peress li fiż-żmien li tat il-qorti ma ntlaħaq l-ebda ftehim bejn il-Ministeru għal Għawdex u d-Dipartiment ta' l-Artijiet rigward dan il-fond. L-Avukat Deborah Mercieca talbet sabiex titkompla l-kawża. Is-Sindku qal ukoll li xi sena u nofs ilu l-Kunsill kien diġa offra lis-Sur Cassar l-uffiċċju preżenti (*multi purpose room)* iżda ma kien irċieva ebda risposta. Mingħajr preġudizzju għal kawża li hemm fil-qorti huwa jaqbel li jingħataw l-*multi purpose room* u l-garaxx sa mewtu, dan kollu bil-kundizzjoni li tiġi ċeduta l-kawża u l-gvern jgħaddi d-devoluzzjoni tal-fond 189 u 190 fi Triq il-Għajn lil Kunsill biex jitkompla l-proġett taċ-ċentru ċiviku għal ġid tar-residenti tal-Fontana. Is-Sur Mercieca qal li l-ewwel għandha ssir verifikazzjoni jekk il-Kunsill hux ser jingħata l-fond 189 u 190. Il-Viċi Sindku qal li b'dan l-inkambju l-Kunsill jiggwadanja. Is-Sur Farrugia qal li jekk isir dan l-inkambju jitneħħa l-periklu li hemm eżistenti. Is-Sur Micallef jaqbel ma din it-talba iżda sostna li jkun hemm kundizzjonijiet li għandhom jiġu mitkelma ma' l-Avukat tal-Kunsill. Is-Sur Micallef qal li l-Avukat għandu jiktiblu li l-Kunsill jaqbel mal-proposta tiegħu b'ċertu kundizzjonijiet. Is-Sindku nforma lil preżenti li l-ewwel irid jaqbel id-Dipartiment ta' l-Artijiet li l-uffiċċju u l-garaxx nistgħu ngħadduh. Is-Sindku propona li ssir laqgħa mad-Dipartiment ta' l-Artijiet iżda s-Sur Micallef oġġezzjona peress li għad hemm il-qorti u lid-Dipartiment ta'



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

l-Artijiet għandu jinfurmuhom is-Sur Cassar. Is-Sur Mercieca qal li għandha tkun ċara ta' kif ser tiġi trasferita l-art speċjalment l-uffiċċju tal-Kunsill. Is-Sur Micallef qal li s-Sur Cassar għandu jwaqqa' l-kawża biex il-Kunsill ikun jista' jipproċedi. Il-membri qablu b'mod unanimu illi l-Kunsill mingħajr preġudizzju għal kawża li hemm pendenti l-qorti jinforma lil Avukat biex iwieġeb li l-Kunsill qed jaqbel mal-proposta suġġetta għal numru ta' kundizzjonijiet fosthom li jiġi verifikat mad-Dipartiment jekk jistax isir dan l-arranġament, jingħataw garaziji suffiċjenti mid-Dipartiment ta' l-Artijiet u jiġi ffirmat il-ftehim ta' devoluzzjoni sabiex fond 189 u 190 jiġu devoluti lil Kunsill.

6.4 Is-Sindku u s-Seg. Eżekuttiv infurmaw lil preżenti li l-Kunsill għadu bla risposta fuq is-sentenza dwar l-offerta tal-ġebla tal-qawwi. Il-Kunsill ilu f'korrispondenza ma' l-Onor Stefan Buontempo minn meta s-Sindku u s-Seg. Eżekuttiv kellhom laqgħa miegħu f'Ottubru li għadda. L-Onor Buontempo riċentament informa lil Kunsill sabiex jagħmel kuntatt mas-Sur Manuel Mallia, *Head* tad-Dipartiment.

6.5 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li l-Kunsill irċieva Memo 33/2014 rigward talbiet minn ministri jew entitajiet governattivi.

6.6 Rigward Memo 27/2014 – Skema Inizjattivi ta' Attivitajiet, is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li hemm klawsola fil-kundizzjonijiet li tgħid li Kunsill mhux eleġibbli li japplika għal fondi relatata ma funzjonijiet reliġjuzi jew festa. Is-Seg. Eżekuttiv ġiet infurmata minn għand Isabella Camilleri Aquilina illi il-proċeduri inbidlu mis-sena l-oħra u li l-Kunsilli tal-Floriana u tal-Pieta' applikaw taħt skema oħra. Is-Sur Micallef qal li l-kundizzjonijiet għadhom l-istess minn meta kien hemm l-Onor. Dr Chris Said u mhux veru li nbidlu. Il-membri qablu li xorta l-Kunsill għandu japplika.

6.7 Rigward Memo 30/2014 Spazji Pubbliċi – Żona Miftuħa. Il-membri qablu li għandu jiġi proponut iz-zuntier tal-Knisja iżda s-Sindku propona li il-Kunsill l-ewwel jinforma lil Kappillan. Is-Sindku qal li aktar minn sentejn ilu, l-Kunsill kien diġa talab lil Ministeru għal Għawdex biex isir iz-zuntier. Is-Sur Micallef qal li qabel napplikaw għal dan għandu jiġi infurmat il-Kappillan. Is-Sindku qal li l-ewwel priorita' tal-Kunsill għandha tkun it-tkomplija tal-bejt bil-ġebla tal-qawwi tat-tieni fażi taċ-ċentru ċiviku. Il-membri qablu wkoll li jiġi proponuti il-biċċa spazju abbandunat fuq l-Għajn ta' Bendu, l-isqaq ta' fejn il-Mitħna, it-trejqa ta' maġenb il-Knisja. Is-Sur Mercieca propona li t-trejqa ta' maġenb il-Knisja u z-zuntier ikunu livell wieħed. Qablu wkoll li għandha tiġi proponuta Trejqet ix-Xagħri.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

6.8 Ittra minngħand is-Sur Jack Vella għal fuq il-*website - maltasquare.com* sabiex nagħtu nformazzjoni fuq nies prominenti fil-Fontana. Is-Sur Micallef propona li għandha tingħata informazzjoni fuq Dun Manuel Curmi fundatur ta' l-ARKA, Dun Manuel Cordina fundatur ta' l-OASI u s-Sindku propona wkoll il-mejtin Anthony Farrugia u Leli Schembri peress li għamlu ħajjithom jaħdmu għal Knisja Parrokjali. Il-membri qablu ma dan.

6.9 Il-Kunsill irċieva risposta mid-Dipartiment ta' l-Artijiet illi t-Triq ta' Fuq il-Lunzjata mhix proprjeta' tal-Gvern.

6.10 Rigward PA/03760/14, inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill illi l-Avviż li twaħħal mill-uffiċċjali tal-MEPA fit-12 ta' Diċembru 2014 ġie maqlugħ l-għada. Il-membri qablu li għandha tintbgħat ittra lil MEPA f'dan ir-rigward fejn jiġu infurmati wkoll bis-*soft area* pubblika li tinsab quddiem fejn qed jintalab dan l-iżvilupp.

6.11 Ittra minngħand l-Avukat Cynthia Galea għan-nom tas-Sinjura Amanda Abela, l-Ex Aġent Seg. Eżekuttiv. Is-Seg. Eżekuttiv qrat l-ittra lil preżenti. Is-Sindku u s-Seg. Eżekuttiv iltaqgħu ma' l-avukat tal-Kunsill u iddraftja ittra bħala tweġiba li ġiet moqrija waqt il-laqgħa għal approvazzjoni tal-Kunsill. Il-membri qablu li l-Avukat tal-Kunsill għandu jibgħat l-ittra imħejjiha lil Avukat Galea.

7. <u>Approvazzjoni ta' Kontijiet</u>

7.1 Skeda Nru 21 tal-ħlasijiet ġew approvati u ffirmati mill-membri tal-Kunsill.

8. <u>Materji Oħra</u>

8.1 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li s-Sur Raymond Vella ma jistax ikompli jaħdem l-ikla li l-Kunsill joffri lil Anzjani nhar il-Milied. Is-Sindku u s-Sur Micallef proponew illi jsir *hamper* żgħir bi ftit frott u kejk żgħir. Is-Sur Mercieca propona illi l-ewwel il-Kunsill għandu jiċċekja ma James Caterers joffrux servizz ta' *meals on wheels*. Is-Sur Mercieca għandu jgħaddi n-numru ta' James Caterers lis-Seg. Eżekuttiv. Il-membri qablu ma dan u jekk il-Kunsill ma jinqediex jagħmel il-*hampers*.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

*Mis-Sindku*

8.2 Is-Sindku nforma lil preżenti li nstab u nxtara globu minn għand Gemco Ltd għad-dawl tas-Sala tal-Kommunita peress li kien inkiser waqt li kienu qegħdin jarmaw għall-elezzjoni tal-parlament ewropej.

8.3 Is-Sindku propona li għandha ssir *facebook page* tal-Kunsill u tieħu ħsieb li taġġornuha l-iskrivana tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku, s-Sur Horace Micallef u s-Sur Mario Mercieca qalu li l-ewwel il-Kunsill għandu jieħu ħsieb li jaġġorna il-*website* imbgħad isir il-*facebook page* peress li qalu li l-*website* jarawha aktar nies.

8.4 Is-Sindku propona li għandha tiġi nfurmata t-taqsima tad-Drenaġġ sabiex issir it-tiswija tat-tarmac fejn il-belvedere ta' Triq ta' Mulejja peress li meta saru xi tiswijiet is-sajf li għaddha, peress li minn dak in-nhar l-hawn it-tarmac diġa inqala' u sar kollu żrar.

8.5 Is-Sindku propona li għandhom jeħelu tabelli tan-*no parking* fi Triq Wied Siekel fejn hemm id-*double yellow lines* peress li ġie infurmat mir-residenti li qed isir il-parkeġġjar fuq iż-żewġ naħħat. Il-membri qablu ma dan.

8.6 Is-Sindku propona illi għandha titwal il-katusa fit-Trejqa ta' wara d-Djar peress li nkissret bil-karozzi. Il-membri qablu.

8.7 Is-Sindku nforma lil Kunsilliera illi irċieva suġġeriment sabiex l-ewwel bozza fi Triq il-Qalb ta' Gesu' titħarrek madwar 10 piedi peress li hemm waħda qrib tagħha fi Triq il-Għajn. Is-Sur Micallef qal li l-Kunsill għandu jġib il-permess minngħand sid id-dar waqt li s-Sur Farrugia għandu jiċċekja ma l-Enemalta jistax isir dan.

8.8 Sar il-ftuħ tal-wirja ta' artiġjanat maħdum fil-Fontana, mis-Sindku fil-preżenza tal-Kunsilliera Horace Micallef, Carmel Farrugia, l-iskrivana u s-Seg. Eżekuttiv. Din saret fis-Sala tal-Kommunita' u ġiet imbierka mill-Kappillan John Muscat.

8.9 Is-Sindku flimkien mal-Kunsillier Horace Micallef u s-Seg. Eżekuttiv attendew għal pontifikal fl-okkażżjoni tal-festa ta' Sant'Indrija. Għal dan il-pontifikal attendew ukoll is-Sindku ta' Ħal Luqa, s-Sur John Schembri, is-Seg. Eżekuttiv u membri tal-Kunsill flimkien ma' 56 resident



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

8.10 Fl-okkażżjoni tal-21 sena mit-twaqqif tal-Kunsill ġiet organizzat Jum il-Fontana. Saret quddiesa ta' radd il-ħajr fil-knisja parrokjali. Wara sar it-tqegħid ta' kuruna mis-Sindku mal-monument tas-sajjieda fil-preżenza ta' membri tal-Kunsill, kappillan u residenti. Wara serata soċjo kulturali fis-Sala tal-Kommunita'. Hadu sehem 'D Capitals Band' u l-kantanta Francesca Sciberras. Ngħata t-trofew u l-medalja ta' Ġieħ il-Fontana lis-Sinjorina Francine Spiteri. Għal dawn l-attivitajiet attendew fost l-oħrajn, is-Sindku, l-Kunsilliera Horace Micallef, Carmel Farrugia, Mario Mercieca, is-Seg. Eżekuttiv flimkien ma' l-iskrivana.

8.11 Twaħħlet mera fi Triq l-Isptar San Giljan quddiem Triq is-Sajjieda fuq talba tal-Kunsill lis-Sur Micallef li hu responsabbli minnhom fis-Segretarjat tal-Ministeru għal Għawdex peress li Triq l-Isptar San Giljan hi triq arterja.

8.12 Saret ħarġa ta' nofs ta' nhar f'Ghawdex bħala parti mill-attivitajiet ta' Jum il-Fontana. F'din il-ħarġa saret żjara fis-Santwarju tal-Kunċizzjoni fejn kien hemm quddiesa, saret żjara l-*Government Experimental Farm* fix-Xewkija u wara ġie organizzat *lunch* fil-Lukanda Calypso. Attendew 27 persuna fosthom is-Sindku u s-Seg. Eżekuttiv.

8.13 Inxtgħel it-tiżjin tal-Milied li sar mill-Kunsill fit-toroq Kappillan Ġużeppi Hili, Kardinal Alessandro Franchi, John Gaspard le Marchant u parti minn Triq il-Għajn mill-Knisja sa Triq Kappillan Ġużeppi Hili.

8.14 Saret ħarġa soċjo kulturali f'Malta fejn saret żjara fil-wirja annwali ta' l-għasafar organizzata mill-MCBD fl-*sports complex* ta' Bormla, l-*car boot sale* fil-Birgu, l-Presepju Sqalli fil-Kripta tal-Patrijiet Agostinjani fil-Belt Valletta u wara saret żjara fl-*open day* tal-*Creativity Hub* fi Gwardamangia. Attendew 39 persuna fosthom is-Sindku u l-Kunsillier Horace Micallef.

*Mill-Viċi Sindku*

8.15 Il-Viċi Sindku propona li Triq il-Għajn għandha tinkines peress li hemm xi żrar fit-triq u qiegħed ta' perikolu. Is-Sur Mercieca propona li għandu jsir id-dawl ma' l-iscaffolding li hemm man-niċċa tal-Kunċizzjoni. Is-Sur Micallef qal li hu importanti ħafna li jsir qabel il-festi tal-Milied u l-ewwel tas-Sena. Is-Seg. Eżekuttiv għandha tinforma lil Kuntrattur.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

*Mis-Sur Horace Micallef*

8.16 Is-Sur Micallef staqsa rigward l-għoti tad-dawl tal-fanali fi Triq il-Għajn. Is-Sindku nfurmah illi kien hemm approvazzjoni għal għoti tad-dawl li kienet ingħatat mill-Enemalta fi żmien l-Eng. Vella. Is-Sur Farrugia għandu jiċċekja ma' l-Enemalta f'dan ir-rigward.

*Mis-Sur Mario Mercieca*

8.17 Is-Sur Mercieca propona li hemm żewġ toqob ta' artarjoli mingħajr tap fi Triq ta' Mulejja. Il-membri qablu li dawn għandhom isiru.

8.18 Il-membri qablu li billi f'nhar il-Festa, l-14 ta' Ġunju taħbat Jum id-Demm, is-Sur Mercieca ssuġerixxa li s-Sibt ġimgħa qabel il-festa noffru s-sala tal-komunita' sabiex jingħata d-demm. Il-membri qablu li għandu jintbgħat avviż lir-residenti.

Il-laqgħa ntemmet fil-5.30 ta' fil-għaxija. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Erbgħa, 21 ta' Jannar 2015 fis-6.00 ta' fil-għaxija wara l-laqgħa tal-lokalita'.

Saviour Borg
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555